**A.L. 37 ta' l-1986**

## ORDINANZA TA' L-1959 DWAR SELF LOKALI ('STOCK' U TITOLI REĠISTRATI) BDIL TA' 'STOCK'

### Direttiva mill-Ministru tal-Finanzi u Dwana għall-Bdil ta' Lm5,500,000 6% 'Stock' Lokali Reġistrat għall-Iżvilupp 1986

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 31 (a) ta' l-Ordinanza ta' l-1959 dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati), il-Ministru tal-Finanzi u Dwana iddikjara li l-Lm5,500,000 6% *Stock* Lokali Reġistrat għall-Iżvilupp li għandhom jitħallsu lura fil-5 ta' Settembru, 1986 jistgħu jinbidlu fi *stock* reġistrat li joħroġ skond id-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza.

Skond l-artikoli 31 (b) u 32 ta' l-imsemmija Ordinanza l-Ministru awtorizza wkoll li, għall-bdil tal-Lm5,500,000 6% *Stock* Lokali Reġistrat għall-Iżvilupp 1986, għandu jiġi maħluq u maħruġ *Stock* Lokali Reġistrat (Bdil) għall-Iżvilupp kif ġej:—

Mod tal-ħruġ ta' l-*istock*.

**1.** L-*istock* jiġi maħruġ bil-prezz ta' Lm100 fil-mija u jingħata fuq applikazzjoni. Meta jitħallas għal kollox l-*istock* jiġi reġistrat. Applikazzjonijiet għall-għoti ta' *stock* jiftħu t-Tnejn, il-21 ta' Lulju, 1986 fid-9.00 ta' fil-għodu u jagħlqu l-Ġimgħa, l-1 ta' Awissu, 1986 f'nofs in-nhar jew f'dak il-ħin meta s-self ikun sottoskritt għal kollox, liema jkun l-aktar kmieni.

Somma ta' flus li għandha tingħabar.

**2.** Is-somma ta' flus li għandha tingħabar bl-*istock* tkun ta' Lm5,500,000

Rata ta mgħax u dati tal-ħlas.

**3.** L-imgħax għandu jitħallas b'lura kull sitt xhur fil-5 ta' Marzu u fil-5 ta' Settembru ta' kull sena matul il-kors ta' l-*istock*. L-ewwel ħlas ta' Lm3 kull Lm100 *stock* relattivament għall-perijodu bejn il-5 ta' Settembru, 1986 u l-4 ta' Marzu, 1987, għandu jsir fil-5 ta' Marzu, 1987.

Rata ta kontribuzzjoni għal fond ta' ammortizzament.

**4.** Approprjazzjoni kull sitt xhur ta' mhux anqas minn Lm55,000 mid-dħul ġenerali u mill-attiv tal-Gvern ta' Malta għandha ssir bħala kontribuzzjoni għall-fond ta' ammortizzament sabiex jifdi l-*istock*. L-ewwel kontribuzzjoni għandha ssir fi żmien sena mill-5 ta' Settembru, 1986.

Fidwa ta' *stock*.

**5.** L-*istock* għandu jiġi mifdi b'parità bejn l-1 ta' Jannar, 1992 u l-31 ta' Diċembru, 1992 (iż-żewġ dati magħdudin), kif jiġi stabbilit mill-*Accountant General* u avżat fil-Gazzetta. L-*istock* jiġi mifdi biss mal-konsenja taċ-ċertifikat ta' l-*istock* maħruġ.